

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Ottubru 2011 — ZZ vs ECDC****(Kawża F-107/11)**

(2012/C 25/132)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: E. Mylonas, avukat)*Konvenut:* Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)**Suġġett**

L-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2010.

**Talbiet tar-rikorrent**

Ir-rikorrent jitlob li t-Tribunal jogħġbu:

- jannulla r-rapport ta' evalwazzjoni tat-8 ta' Frar 2011; u
- jekk ikun meħtieġ, jannulla:
  - id-deċiżjoni tad-Direttur tal-ECDC tad-9 ta' Settembru 2011 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent;
  - l-opinjoni tal-Kumitat Konġunt tat-30 ta' Ġunju 2011 u d-Deċiżjoni tal-evalwatur tal-appell tal-5 ta' Lulju 2011;
  - ir-rapport tal-validatur tal-15 ta' April 2011;
- jikkundanna lill-ECDC għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-108/11)**

(2012/C 25/133)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: A. Fratini u F. Filpo, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla li ma taċċettax lir-rikorrent għall-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/198/10, minħabba l-allegat nuqqas li jissodisfa r-rekwiżiti tal-esperjenza professjonali

**Talbiet**

- jannulla d-deċiżjoni tal-EPSO li ma taċċettax lir-rikorrent għall-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/198/10;

— jordna lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex ir-rikorrent jitqiegħed f'pożizzjoni simili għal dik li kien ikun fiha li kieku ġie aċċettat għall-kompetizzjoni;

— jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Ottubru 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-113/11)**

(2012/C 25/134)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tirrifjuta t-talba tar-rikorrent għall-flas tal-arretrati fuq ir-remunerazzjoni għax-xahar ta' Awwissu 2010.

**Talbiet tar-rikorrent**

- jannulla d-deċiżjoni li toriġina mill-Kummissjoni, jew li fi kwalunkwe każ tista' tiġi attribwita lilha, li tirrifjuta, irrispettivament mill-forma tar-rifjut u minn jekk tirrifjutax parzjalment jew totalment, id-diversi talbiet tar-rikorrent magħmula fit-talba tiegħu tat-30 ta' Awwissu 2010;
- jiddikjara ineżistenti skont il-liġi, jew jannulla, *quatenus opus est*, in-nota Ares(2011) 217354;
- jannulla d-deċiżjoni, li toriġina mill-Kummissjoni, li tirrifjuta, irrispettivament mill-forma tar-rifjut, id-diversi talbiet tar-rikorrent magħmula fl-ilment tiegħu tal-14 ta' Marzu 2011;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-116/11)**

(2012/C 25/135)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: S. Antonella, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea